MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 266/2011

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**vs**
**Charles Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tas-16 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

Illi s-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditur tal-intimat b'sentenza tat-2 ta' Dicembru 1996 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi l-intimat fadallu jhallas bilanc ta' 475.00 Euro (erba' mija u hamsa u sebghin Euro) oltre imghaxijiet u spejjez;

Illi ghaddew aktar min ghaxar snin minn meta t-titolu ezekuttiv seta' gie ezegwit;

Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi biex ihallas;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi jigu ravvivati d-drittijiet tal-esponent kontra l-intimat u b'hekk il-kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimat, dan taht il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' rikorrenti fejn Dr. Simon Galea Testaferata ddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe €475;

Semghet ukoll lill-konvenut Charles Barbara fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2011 fejn qal li hu jaf li fadallu balanc xi jhallas pero hu kien taht l-impressjoni li s-socjeta' attrici kienet ser tigborhom mill-kont tieghu li jinsab marbut;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors, bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------